

# Il-Fuljett "L-Immakulata" Lulju 1960

● Mario Fenech


FESTI CENTINARJI PAWLINI

IMFAKKRA BL-IKBAR QIMA U DEVOZZJONI MILL-L-Immakulata TA' LULJU 1960

XIX IL-MITT SENA ILU
L-APOSTLU PAWLU, NAWFRAGU FOSTNA
NISSEL SPIRITWALMENT BIL-MAGHMUDIJA
LIL PUBLIJU U F'PUBLIJU U MA' PUBLIJU
LIL MALTA KOLLHA
GHALL-FIDI U R-RELIĠJON NISRANIJA!!!
ANNA X'QEGHDIN NAGHMLU
BIEX INHARSU BLA MTIEFES
WIRT HEKK PREZZJUS U NOBBLI???

Fil-Fuljett "L-Immakulata" maħruġ bħal-leħen tat-terz ordni u missjonijiet kapuċċini Maltin ta' Lulju 1960 kienet ingħatat importanza speċjali d-data tad-dsatax il-Ċentinarju tal-Miġja ta' San Pawl f'Malta.

Kienu saru festi kbar f'Malta biex jiġi mfakkar b'mod solenni dan iċ-ċentinarju Pawlin. Għaldaqstant kien xieraq li din il-ħarga ta' "L-Immakulata" tkun b'din it-tema.

Fil-paġna ta'quddiem ġie ppreżentat il-kwadru tal-Magħmudija ta' San Pubbliju minn San Pawl meta dan kien f'Malta. Dan il-kwadru jinsab fil-Knisja Arċipretali ta' Santa Katarina fiż-Żejtun.

Kif wieħed kien jistenna fil-paġni ta' ġewwa ta' da nil-Fuljett ġew ippubblikati diversi artikli interessanti dwar San Pawl u l-konnessjoni importanti tiegħu mal-Gżejjer Maltin.

Fiż-żewġ paġni tan-nofs deher artiklu dwar San Pawl bħala "Il-Kbir Appostlu", "L-Appostlu tal-Ġnus", u kif il-Provinċja Kappuċċina tissejjaħ bħala ta' "San Pawl".

F'din il-kitba ġie riprodott ritratt ta'kartolina li l-Provinċja Kappuċċina f'Malta kienet ħarġet għoxrin sena qabel fl-1940 meta kienet qegħda tfakkar għeluq il-100 sena mit-twaqqif tagħha bħala provinċja f'Malta.

F'din il-kartolina hemm ir-ritratti tal-Knejjes li fis-sena 1940 kienu mmexxija mill-Kappuċċini. Dawn huma tal-Furjana, Kalkara, Rabat Għawdex, Marsa, Siġġiewi u Xemxija.

Fl-istess paġni ġew ippubblikati r-ritratti taż-żewġ knejjes ġodda li kienu bnew il-kapuċċini bejn l-1940 u l-1960. Dawn huma l-Knisja ta' San Ġiljan (aktar tard imsejħa tal-Msieraħ u wara San Ġwann) u Għajn Dwieli.


Provincja Kappuccina ta' San Pawl

SAN GILJAN

GHAJN DWIELI

Il-Provincja Kappuccina Maltija kif kienet ghoxrin sena ilu fil-festi li kienu saru . . .

. . . f'gheluq l-ewwel Centinarju mit-twaqqif taghha bhala Provincja Religjuza. 1840 — 1940.

Fil-kitba li hemm dwar iż-żewġ knejjes jingħad li dawn żdiedu mal-Provinċja f'dawn l-aħħar snin.

Il-Knisja ta' San Ġwann minn dak iż-żmien 'l hawn saret waħda Parrokkjali, qegħda taqdi l-ħtieġijiet spiritwali tal-popolazzjoni dejjem tikber tar-raħal ta' San Ġwann, kif ukoll qegħda tagħti ġieh lil Ommna Marija bit-titlu ta'Lourdes li waqt waħda mid-deheriet tagħha lil Bernardina ddikjarat "JIENA JIEN L-IMMAKULATA KUNĊIZZJONI"

Il-festa t-tajba lil kulħadd.